# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Settembru 2017**

**Rikors Ġuramentat Numru: 64/2017 PC**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Ian Borg Attard;**
**u Jennifer Borg Attard**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat tal-bank HSBC Malta plc li permezz tiegħu wara li ppremetta:

Illi l-intimati huma debituri flimkien fil-konfront tal-Bank fl-ammont komplessiv ta' mija wieħed u ħamsin elf mija ħamsa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€151,185.75ċ) dovuti kif ser jiġi spjegat hawn taħt:

a. Ammont kaptiali ta' disgħa u għoxrin elf disa' mija u għaxar ewro u disgħin ċenteżmu (€29,910.90ċ) restituzzjoni ta' self imħaddem fuq faċilita' bankarja tat-tip *Maxicredit* mogħtija liż-żewġ intimati, operata fuq il-kont numru 18067880 f'isem iż-żewġ konvenuti flimkien, bis-saħħa ta' kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tad-dsatax (19) ta' Novembru elfejn u għaxra (2010); flimkien ma disat elef ħames mija u tletin Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€9,530.98ċ) imgħax fuq dan il-kapital, ikkalkolat b'effett sal-21 ta' Lulju elfejn u sbatax (2017); B'hekk l-ammont globali dovut fuq dan il-kont huwa ta' disgħa u tletin elf erba' mija wieħed u erbgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€39,441.88ċ);

b. Ammont ta' ħamsa u tmenin elf seba' mija u disgħa u disgħin Ewro u tlettax-il ċenteżmu (€85,799.13ċ) in linja ta' restituzzjoni ta' kapital rappreżentanti faċilita' ta' self konċess lill-intimati flimkien bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariosa Grech tal-erbatax (14) ta' Marzu elfejn u tlieta (2003), flimkien ma' somma ta' erbgħa u għoxrin elf tmien mija u żewġ Ewro u wieħed u erbħgin ċenteżmu (€24,802.41ċ) imgħax fuq dan il-kapital, ikkalkolat b'effett sal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017); B'hekk l-ammont globali dovut fuq dan il-kont, operat bil-kont numru 16053805, huwa taħ mija għaxart elef sitt mija u Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€110,601.54ċ);

c. Ammont ta' tmien mija u ħamsa u disgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€895.40ċ) kapital dovut fuq *rescheduled overdraft account* operat miż-żewġ intimati fuq il-kont bin-numru 071-192850-340 flimkien ma' mitejn sitta u erbgħin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€246.93ċ) imgħax fuq dan il-kapital, ikkalkolat b'effett 21 ta' Lulju elfejn u sbatax (2017); b'hekk l-ammont globali dovut fuq dan il-kont huwa ta' elfejn mija u tnejn u erbgħin Ewro u tlieta u tletin ċenteżmu (€1,142.33ċ).

Salvi interessi ulterjuri b'effett mit-22 ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) sal effettiv pagament;

Illi d-debitu huwa wieħed ċert likwidu u dovut u sa fejn jaf l-esponenti l-intimati ma għandhom l-ebda eċċezzjoni x'iressqu kontra t-talba tal-esponenti għall-ħlas ta' dan il-kreditu, u għaldaqstant l-esponenti qiegħda titlob li din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ fit-termini tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12;

Illi minkejja li ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċċjali tad-29 ta' Jannar 2016 sabiex jirregolaw ruħhom u jħallsu l-ammont dovut minnhom, l-intimati baqgħu inadempjenti.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ a tenur tal-aritkolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li intom debituri fil-konfont tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' mija wieħed u ħamsin elf mija ħamsa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€151,185.75ċ), oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% dovuti mit-22 ta' Lulju 2017 sal-pagament effettiv.

3. Tikkundannakom sabiex tħallsu dan l-ammont globali ta' mija wieħed u ħamsin elf mija ħamsa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€151,185.75ċ), flimkien ma' interessi ulterjuri b'effett mit-22 ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti mill-istess bank attur.

Rat il-verbal tal-legali tal-konvenuti fl-udjenza tal-lum, li ammettew it-talbiet, b'dana illi jingħata żmien disa' (9) xhur sabiex isir il-pagament mitlub.

Il-Qorti għalhekk in vista' ta' din l-ammissjoni, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfont tal-HSBC Bank Malta plc fl-ammont komplessiv ta' mija wieħed u ħamsin elf mija ħamsa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€151,185.75ċ), oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' 8% dovuti mit-22 ta' Lulju 2017 dad-data tal-pagament effettiv.

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex tħallsu dan l-ammont globali ta' mija wieħed u ħamsin elf mija ħamsa u tmenin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€151,185.75ċ), flimkien ma' interessi ulterjuri b'effett mit-22 ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) sad-data tal-pagament effettiv, b'dana illi dan il-pagament għandu jsir fi żmien disa' (9) xhur mil-lum.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur